# L-induratura tal-Istatwa tal-Madonna tal-Karmnu

Carl Farrugia

L-induratura li naraw illum fuq l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab fis-Santwarju fil-Belt Valletta mhijiex l-induratura oriġinali li kienet saret meta ġiet skolpita l-istatwa fl-1781. Din l-induratura saret bejn 1879 u l-1880 meta l-Patrijiet kkummissjunaw lil Annetto Gauci biex jerġa' jindura l-istatwa għall-Inkurunazzjoni tas-Santwarju fl-1881 fejn ħarġet għall-ewwel darba bl-induratura l-ġdida fil-festa tal-1880.

Matul dan l-artiklu se nagħtu ħarsa storika żgħira lejn din l-istatwa ta' Vincenzo Dimech u d-disinn tal-induratura li kellha, l-induratura l-ġdida magħmula minn Annetto Gauci, iben Antonio Gauci u d-disinji oriġinali li jinsabu għand Publius Magro.

## It-tielet statwa tal-Madonna tal-Karmnu

L-istatwa preżenti tal-Madonna tal-Karmnu hija t-tielet statwa li ħarġet proċessjonalment minn din il-knisja wara dawk li nxtraw fl-1657 u l-1780 mill-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu. Minħabba xi tilwim bejn il-fratellanza u l-komunità Karmelitana, il-Pirjol ta' dak iż-żmien ordna lill-iskultur Vincenzo Dimech biex jiskolpixxi statwa tal-Madonna tal-Karmnu li tixbah fl-amla lill-Madonna tar-Rużarju taċ-Citta Notabile kif insibu fil-kuntratt. Dan il-fatt ġie skopert ftit tas-snin ilu minħabba li Patri Lawrenz Sammut fil-ktieb tiegħu jgħid li "Hafna huma tal-fehma li hija opra ta' skultur Taljan u aktarx li ġiet minn Napli; iżda fl-ebda dokument ma sibna l-awtur min kien". Fil-Programm tal-Festa tal-2006 kien ippubblikat il-kuntratt bejn il-patrijiet Karmelitani tal-Belt Valletta u l-iskultur Vincenzo Dimech biex jiskolpixxi l-istatwa li tirrappreżenta lill-Madonna tal-Karmnu flimkien mal-pedistall fi żmien ħames xhur għall-prezz ta' 90 skud fil-31 ta' Lulju 1781. Il-vara saret minn zokk tal-ulmu. L-ulmu huwa tip ta' injam li minnu kienu jsir dak iż-żmien l-arbli tal-qlugħ tax-xwieni.

## L-induratura oriġinali

L-induratura oriġinali x'aktarx saret xi sena wara jiġifieri fl-1782, li kienet tikkonsisti fil-mant li kien indurat u żgraffit lixx fiċ-ċelesti u fuq kellu impittrin il-ward. Ritratti tal-Madonna b'din l-induratura diffiċli ħafna li jeżistu minħabba li l-fotografija kienet għadha fil-bidu tagħha. Imma fortunatament l-indurratur li għamel l-induratura l-ġdida Annetto Gauci jew missieru Antonio Gauci ttrejsjaw biċċiet minnha li jinsabu għand l-induratur Publius Magro u għallinqas għandna ħjiel ta' kif kienet. Dan id-disinn huwa maqsum f'żewġ biċċiet bi frażijiet li jispjegaw kull waħda.

Fl-ewwel parti tad-disinn nsibu miktub hekk: "Ornamenti che fregiavano la Beate Vergine del Carmine di La Valletta prima del rinnovazione della stessa." (Disinn li kien jinsab fuq il-Verġni







**Disinn tal-induratura oriġinali tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu**

Marija tal-Karmnu l-Belt Valletta qabel ir-rinnovament tal-istess statwa.) Filwaqt li naraw ammont ta' ward u weraq flimkien mill-istess zokk u taħt miktub "Dal manto e continua" (mill-mant u jkompli) (Fig. 1). Minn dan jidher li l-mant kien mimli fjuri imma mingħajr bordura jew panew. It-tieni parti tad-disinn wieħed isib miktub "Dal velo di sopra la testa e continua sempre" (mill-velu ta' fuq rasha u jibqa' għaddej dejjem). (Fig. 2) Hawnhekk id-disinn juri fjuri żgħar b'bordura ħoxna fuq u isfel.

## L-induratura preżenti

Il-Madonna tal-Karmnu ħarġet bl-induratura preżenti għall-festa tal-1880 u dan jixhduh l-gazzetti ta' dak iż-żmien fejn sibna tliet referenzi. L-ewwel referenza li nsibu hija fil-gazzetta *L'Amico del Popolo* tal-20 ta' Lulju 1880 fejn nsibu miktub hekk: "Bellissima la statua della Vergine abilmente questo anno dal bravo Signore Annetto Gauci, figlio al noto indoratore, per cura ed impegno dei signori Gio Batta Calleja e Cost. Mariani e per contribuzione general" (Sabiħa ħafna l-istatwa tal-Verġni dis-sena abilment indurata mill-bravu Sinjur Annetto Gauci, tifel tal-induratur magħruf, bl-impenn tas-sinjuri Gio Batta Calleja u Cost. Mariani u l-kontribut ġenerali). It-tieni u t-tielet referenza li nsibuha bl-istess test ippublikat kemm fil-gazzetta *Il Portafoglio del Popolo* tal-20 ta' Lulju 1880 u *L'Ordine* tat-28 ta' Lulju 1880 fejn jgħidu hekk: "La chiesa era sontuosamente onorata, e la statua della Vergine, ripulita ed indorata in quest'anno dal Signore Gauci Annetto, figlio del bravo artista Sig Antonio, rapiva di ammirazione ogni fedele". (Il-knisja kienet armata ħafna bħal dejjem u l-istatwa tal-Verġni, mnaddfa u indurata din is-sena mis-Sur Gauci Annetto, tifel tal-artista bravu Sur Antonio, serqet l-ammirazzjoni tal-fidili). B'hekk dawn ir-referenzi mill-gazzetta ta' dak iż-żmien skoprejna li l-awtur tal-indurar kien Annetto Gauci, iben Antonio Gauci mhux kif kien maħsub qabel kif ukoll min kienu n-nies li ħallsu għal dan l-indurar.

Dwar Annetto Gauci ma tantx għandna informazzjoni dwaru però li nafu dwar missieru Antonio huwa li x'aktarx kien mir-Rabat imma kellu l-ħanut tiegħu fi Triq San Pawl faċċata tal-Università l-antika. Antonio Gauci indura diversi statwi oħra fosthom l-istatwi ta' San Pawl u l-Madonna tal-Karità meqjumin fil-Kolleġġjata tan-Nawfraġju ta' San Pawl fil-Belt Valletta, l-istatwa ta' San Publju meqjuma fil-Parroċċa tal-Furjana u l-istatwa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi.

Id-disinji tal-induratura preżenti jinsabu għand Publius Magro li waslu għandu mingħand wieħed mill-imgħallmin tiegħu Paolino Bugeja. Missier Paolino, Tommaso kien jitgħallem mingħand l-induratur Antonio Gauci li jiġi missier Annetto.



Dettall mill-induratura tal-istatwa ta' San Pawl



Disinn ta' parti mill-induratura preżenti

### Id-disinn tal-induratura

L-induratura li nsibu fuq l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu jispjega s-Sur Magro hija unika għal dak iż-żmien għax illum hawn kopji tagħha.

Il-mottiv tad-disinn li jinsab fuq id-disinn oriġinali huwa daqsxejn differenti minn dak li attwalment sar fuq il-Madonna tal-Karmnu. (Fig. 3) Il-bażi bl-iskartoċċ baqgħet hemm imma d-disinn ta' ġol-iskartoċċ huwa differenti minn dak li naraw. Fil-fatt id-disinn bil-perli kif jinsab fid-disinn intuża bħal mottiv fl-induratura tal-istatwa ta' San Pawl. (Fig. 4) Fuq il-vara tal-Madonna wieħed jista' jara li l-iskrataċ li jagħlqu l-ward huma ħomor imma waqt ir-restawr li kien qed isir mis-Sur Magro instab li dawn oriġinarjament kienu ċelesti u Mastru Gauci neħħa l-isgraffir u għamlu aħmar kif għadna narawh illum. (Fig. 4)

Il-panew ta' ġewwa, il-fjuri huma impittrin mhux deheb biss barra li huma sgraffiti. Il-fond huwa ċelesti pariġġ iċ-ċelesti li għandu fuq barra imma mbagħad il-fjuri impittrin bir-rōża, bil-ġilju bl-abjad fin-nofs, hemm iż-żokk bil-kannella u l-weraq bl-aħdar u taħt id-dettall tal-isgraffir anki l-pittura tal-ward, apparti li hu kkulurita għandha dak id-daqqiet u fejn hemm id-daqqiet hemm id-deheb migruf u sfumati bid-deheb. Din l-induratura għandha speċjalità oħra li l-panewijiet ma hemmx wieħed bħall-ieħor. Il-fjuri huma ddisinjati differenti minn wieħed għall-ieħor. Kellu d-disinn li mexa bih u ddisinja l-mant kollu u mbagħad ġol-panewijiet għamilhom freehand dak il-ħin li ta preġju ħafna ikbar.

### Ir-restawr tal-istatwa fl-2011-12

Fl-2011 inħolqot Kummissjoni li kienet responsabbli mir-restawr tal-Madonna u li kkummissjonat lis-Sur Publius Magro bir-restawr tal-vara. Meta kont qed nitkellem mas-Sur Magro dwar ir-restawr huwa qalli li dan it-tip ta' restawr qabel ma sarx u s'issa għadu ma sarx. Normalment meta jkun hemm xi ħsara fl-induratura ġeneralment tinbarax u terġa' tindura ruħha mill-ġdid. Minflok għamel dan, Publius qala' l-induratura li kienet inqasmet u reġa' poġġiha biċċa biċċa qisu bħal meta tpoġġi mużajk. Li ġara kien li meta kien hemm il-ħsara fl-induratura tagħha, nixef iz-zokk li hi magħmula

minnha l-istatwa u allura l-injam ċkien u l-ġibs ġie kbir għalihom u sar ġibs ibblastjat. Kull biċċa li kienet maqlugħa nqalgħet minn mal-istatwa, ġiet ittrimjajt kull biċċa biex issib post eżatt u ma tkunx imbewqa. Dan filwaqt li saret rikostruzzjoni tal-ġibs. Meta jsir ġibs fuq ġibs huwa importanti li l-kolla ma tridx tkun iktar qawwija minnu għax inkella tinbeżaq. Il-ġibs huwa magħmul mill-kolla tal-fenek, ġibs Ingliż u ġibs Malti (gesso di Bologna li hu identiku għal dak Malti). Id-differenza tkun fil-kolla. Għalhekk ġew inkullati l-biċċiet li nqalgħu billi jiġu ppressati fuq il-ġibs. Meta tinxef jibqa' l-cracks u bejn crack u oħra jimtlew bil-ġibs, jiġu rfinuti u jsir rtokk bil-kulur.

Is-Sur Magro spjegali li waqt dan ir-restawr inbidlu l-għajnejn tal-Madonna minħabba li kien hemm inxif fl-injam u l-għajnejn oriġinali tfarrku. Għalhekk inxtraw par għajnejn tal-kristall antiki identiċi bħalma kellha. Fatt kurjuż ieħor huwa li r-ras tal-istatwa hija skolpita fl-injam tal-kewba.

Rigward il-kulur tal-induratura s-Sur Magro indika li qabel il-kulur kien ikun pigment trab li jkun trab naturali. Illum issib imma ma għandekx varjetà bħalma kien hemm qabel u dan ma jitħallatx. Illum jintużaw kuluri tal-pittura taż-żejt però jiġu pproċessati li jitneħħa ż-żejt minnhom u jibqa' l-pigment u l-bjankett biss. Dawk il-kuluri tista' tilgħab bil-kulur kif trid. Jitneħħa ż-żejt għax inkella tittebba' l-induratura.

## Ringrazzjament

Ringrazzjament imur lis-Sur Publius Magro tal-ħin tiegħu sabiex jurini d-disinji u jispjegali aħjar il-proċess tal-indurar u r-restawr tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu. Grazzi wkoll lil dawk kollha li tawni l-għajnuna f'dan l-artiklu.

## Bibliografija

Dr. John Debono, *L-istatwi tal-Madonna tal-Karmnu tal-1871 u tal-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi Tagħhom*, Programm tal-Festa Madonna tal-Karmnu Valletta 2006 p.31-45

Patri Lawrenz Sammut, *Is-Santwarju tal-Karmnu Malta 1952* p. 72-78

Amanda Ann Vella, *The old Carmelite Church, Valletta: History, Architecture and Works of Art (1570-1958)*, Dissertation B.A. History of Art 2010 p. 57-60

Carlo Agius B.A. (Hons)History, M.A. Hospitallier Studies, *Il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, fit-Tieni Nofs tas-Seklu Dsatax (1870-1890)*,, Programm Tal-Festa Madonna tal-Karmnu 2012 p. 11-15

Charles Portelli, *Nitkellmu ma' Publius Magro, Il-persuna li ħa ħsieb ir-restawr tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu matul din is-sena*, Programm Tal-Festa Madonna tal-Karmnu 2012 p. 21-23

*Il Portafoglio Maltese,* 22 ta' Lulju 1880 p.2

*L'Amico del Popolo,* 20 ta' Lulju 1880 p.2

*L'Ordine,* 28 ta' Lulju 1880 p.3

HYPNOS-VITAFOAM
MATTRESSES

HYPNOS VITAFOAM
AC Calleja
334, St Paul Street, Valletta
Tel: 2123 8163

Vitafoam Factory
Industrial Estate, San Ġwann
Tel: 2148 4992/3

Marsa Stores
Tel: 2123 9817
Mob: 7923 9817

